# ERK u LIZ

*Kitba ta'*

*Trevor Zahra*

---------------------------------------------------------------------------

Jiehdu sehem:

GOVANN (tramp) ____________________

MENA (tramp) ______________________

ERKOLE ____________________________

LIZ __________________________________

IIJUN ________________________________

HANZIR ______________________________

HAJDRA ______________________________

SULDAT ______________________________

KELB CKEJKEN ______________________

CERBRU *(Kelb Kbir)* _________________

ATLAS ________________________________

CENTAWR ____________________________

BARRI _________________________________

SEQER-1 ______________________________

GRUPP ISQRA ______________________________________________________________________

PERSUNI (1 - 4)____________________________________________________________________

FOLLA (1- 4) _____________________________________________

TIFEL __________________________________________________

KOR / FOLLA _______________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

## *XENA 1 -- L-Iljun*

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# *Xena 1/A*

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

***==== OVERTURE ====***

<u>*Govann u Mena reqdin fuq bank*</u>

GOVANN — Din taghna tassew hajja mill-aghar.  La ghandna x'nieklu, la fejn indabbru rasna u biex taghqad, bil-lejl norqdu hazin.

MENA — Ga qomt?  X'rega' nqalaghlek?

GOVANN — Hlomt holma kerha.

MENA — Lanqas holm suret in-nies m'ghandek hila tohlom.

GOVANN — Din tal-lum kienet kerha daqskemm kienet sabiha.

MENA — Aktar jien ukoll noqghod naghti kasek!  Tridx thallini bi kwieti hej, ghax ghadni bin-nghas.

GOVANN — Tiftakar il-bierah meta waqafna quddiem dak il-hanut tal-videos u fuq TV rajna bicca mill-film ta' Hercules?  Hlomt li jien sirt Erkole.

MENA — Mela allura mhux holma kerha kienet imma holma redikola...

GOVANN — Hlomt li sirt zaghzugh gustuz, it-tfajliet kollha jigru warajja u jgebbdu fija u jien nisfida lill-irgiel kollha ghall-glied u b'daqqa ta' ponn wahda tieghi kull ragel jispicca kkapuljat.

MENA — Mela ghalhekk  kienu jigru warajk it-tfajliet... ghall-hamburgers!

GOVANN — Minghalik!!  Kienu jigru warajja u jbusuni.  Imbaghad stebaht u sibt ruhi hawn... hdejk!

MENA — Mela ghax ma tergax torqod forsi terga' ssib ruhek ggant? *(titgeddes biex torqod)*

GOVANN — Ghax dan Erkole kien ihobb tfajla tal-genn, jisimha LIZ.  Biex jirbahha ried bilfors iwettaq tnax-il bicca xoghol.

MENA — Mela ahna ahjar minnu ghax inqattghu l-jum kollu fil-ghazz.

GOVANN — *(Jimtedd hdejha fuq il-bank)*   U l-ewwel  bicca xoghol li kellu kienet li joqtol iljun tal-biza'...

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# *Xena 1/B*

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

LIZ U jiena nahbat Liz... it-tfajla tal-genn li dan Erkole twebbel li jrid imhabbitha.

***JOHROG ERKOLE***

ERKOLE *(Imur gharkobbtejh hdejha)* Liz... Liz ta' qalbi... xemx ta' filghodu, kwiekeb ta' filghaxija, dawl fiddien tal-qamar...

LIZ U aghlaq halqek ja mignun. Dan kif dahhaltha f'rasek li se ggeghelni nhobbok billi toqghod tiggieled mal-mostri u l-gganti?

ERKOLE Ghax jien Erkole... the one and only l-aqwa u l-isbah..

***Kanzunetta***

**Jien Mr. Erk**

*(Besame Muchio)*

Jien Mr. Erk,
Guvni specjali,
Ghax ghandi sahha li zgur... ma ssibha mkien,
Jiena, eccezzjonali,
Tant kolossali,
Ta' fama globali,
Genjali f'kull zmien.

Lest minn kull saram naqlaghkom,
Mill-biza' nsalvakom,
Ha ssibu l-helsien;
Jekk hawn xi mostru bestjali,
Xi bhima brutali...
Ghalikom hawn jien!

***Muzika....***

Jien Mr. Erk,
Ma ssibux bhali,
Fost l-eroj kollha jien biss, meraviljuz...
Hajti... monumentali,
Ejja kantali
W semmag]li
Din l-ghanja ghax jiena famuz!

-------------------------------------------------------

LIZ Eh iva?? U tahseb li b'dawn il-ksuhat tieghek se ggeghelni nsir inhobok??

ERKOLE Dazgur...l-allat hekk qaluli...

LIZ Tajjeb mela, mur ghidilhom li jien minix ghall-bejgh. Caw.
***(Titlaq 'il gewwa waqt li ERK jitlaq warajha)***

ERKOLE Liz... Liz... fjura tal-muntanji... fwieha ta' Mejju...

---

# *Xena 1/C*

---

***JOHROG IL-KOR***

KOR
'Il boghod, qalb il-muntanji,
Go ghar daqsiex, mudlam,
Kien jghix iljun tal-biza',
Qalil, kattiv, setghan.

Il-gilda hoxna tieghu
Maghquda daqs l-azzar,
Xejn ma kien jist'ghaliha,
La vlegeg, lanqas nar.

Nies qatel minghajr hniena,
Bl-ghexieren, bil-mijiet,
Kien battal hafna rhula,
Kien zvojta bosta bliet.

Erkole! Eroj taghna,
Ejj'inti ha ssalvana!

***JOHROG ERKOLE***

ERKOLE OK, OK... I'm a coming... I'm a coming ! Hawn xi ferh ta' qattus li qed jaghtikom xi daqsxejn fstidju? No problems guys, Erk is here. Just a little squeeze and... freeze! S'issa jiena ga qtil merhla gniedes, 50 iljunfant u 20 serp. U dik il-habta kelli biss 7 snin. Mur gib lil ta' l-RSPCA...eh!

***WAQT LI GHADU JITKELLEM JITFACCA L-ILJUN***

Allura fejn hu dan il-*Puss-in-Boots* imqareb, eh? Pero'... harsu 'l hawn: jekk se noqtlilkom dan l-iljun ftakru li, la se jkollkom aktar cikkulata *Lion*, la te ta' Ljun u lanqas tkunu tistghu taraw *"The Lion King".*

## *Xena 1/D*

| | |
|---|---|
| ILJUN | *JGHAJJAT WAHDA KBIRA* |
| ERKOLE | Cool it Puss, cool it. Ma nafx jekk hux veru... imma ghadhom kemm qaluli li inti tghidx kemm thobbu l-laham tal-bnedmin. Tassew? |
| ILJUN | *(Jaghmel "iva" b'rasu)* |
| ERKOLE | U allura thobb xejn tmexmex xi koxxa maghquda ta' xi guvni gustuz bhali, eh? |
| ILJUN | *("Iva" dejjem aktar ecitat)* |
| ERKOLE | Jew xi dixx kbir kollu *spare-ribs*....? |
| ILJUN | *(Iva.. iva... ma jiflahx izomm bil-hsieb ta' l-ikel)* |
| ERKOLE | Imbaghad 20 bicca *peppered stake*... |
| ILJUN | *(Iljun joghrok zaqqu bil-guh... laghbu niezel!)* |
| ERKOLE | *Fillet medium-rare* |
| ILJUN | *(Bhal qabel)* |
| ERKOLE | *Crown of Lamb* |
| ILJUN | *(Ma' l-art iferfer idejh u saqajh fl-arja)* |
| ERKOLE | *Chateau Brion!!* |
| ILJUN | *(Ma' l-art mitluf minn sensih)* |
| ERKOLE | *(Lill-udjenza)* You see guys... nothing to it. Easy as that. |
| | *Ifaqqa' sebghu u jieqaf kburi b'sieq wahda fuq l-iljun.* |
| GOVANN | *(Iqum... b'lehen solenni)* U wara li qatel l-iljun, Erkoli taha ghall-business. Fetah sensiela ta' hwienet u semmiehom: "Burger Lion King!" |

## *XENA 2 -- Il-Hanzir Selvagg*

---

# *Xena 2/A*

---

***TOHROG LIZ***

LIZ — Hasibni se ninhall warajh. Hasibni se mmur nintelaq f'riglejh u nimlieh bil-bews. *NO WAY MAN!* Wara kollox dan x'jigifieri joqghod joqtol l-annimal bl-addocc?? Jien l-iljuni nhobbhom! U l-mostri wkoll! U fi hsiebi norganizza marc ta' protesta ghall-harsien ta' l-annimali strambi kollha. Imbaghad ikun jaf Liz min hi!

***TITLAQ 'IL GEWWA -- JOHORGU MENA U GOVANN***

GOVANN — *(lil Mena)* Inti qatt smajt bih il-Hanzir Selvagg?

MENA — Hanzir Selvagg? Sa fejn naf jien f'Malta ma fadlilna xejn selvagg... lanqas il-wirdien ghax sar domestikat.

GOVANN — U inti min semmielek Malta?? Jien qed nghid ghal Erkole..

MENA — Mela ghadek qed tohlom?

GOVANN — Erkole kellu missjoni ohra... dik li joqtol lill-Hanzir Selvagg.... hanzir li kien qed iwerwer il-pajjiz kollu.

MENA — Kultant jien taf x'noqghod nghid! Ghandu jkun fi zmien Erkole, in-nies tassew kienu qatta gwejjef. Iva, allura biex taqbad hanzir selvagg hemm bzonn Super-eroj!? Senter taz-zewg u CUMM!

GOVANN — Ghaziza Mena.... inti jahasra tassew ma taf xejn. Il-hniezer selvaggi ta' dak iz-zmien kienu mostri. Ras daqs il-koppla tal-Mosta, qrun li jwasslu min-naha ghal ohra tal-Port il-Kbir... saqajn ... *(Jidhlu 'l gewwa waqt li qed jispjegalha)*

---

# *Xena 2/B*

---

***Tohrog folla nies li maghhom ikun hemm Tifel. Johorgu bil-mod, jimxu fuq pontot subghajhom b'xi fanali f'idejhom.***

FOLLA — Ixxxx...
Hsejjes xejn,
Il-Hanzir Selvagg rieqed bi kwietu,

| | |
|---|---|
| | Qed jonfoh, qed jonhor... |
| TIFEL | *(B'lehen ta' tifel ckejken hafna)* Qed ininni |
| FOLLA | Ixxx... |
| | Rieqed fil-fond, |
| | Raqda twila twila, |
| | Go l-ghar mudlam tieghu.. |
| TIFEL | Bit-teddy bear hdejh, |
| FOLLA | Ixxxx.... |
| | Jorqod lejl shih, |
| | Fuq sodda tat-tiben u l-huxlief, |
| | Imdawwar bl-iskeletri |
| | Ta' kemm qatel nies, |
| | Rieqed, rieqed... |
| TIFEL | Liebes il-pagama. |
| FOLLA | Ixxxx.... |
| | Halluh, tqajmuhx, |
| | Sakemm il-Hanzir jorqod |
| | Kollox kwiet, |
| | Kollox kalm, |
| | Kulhadd kuntent, |
| | Tqajmuhx, itellfuhx... |
| | Halluh jistrieh |
| TIFEL | *(Ikantaha)* Rock-a-bye-baby |
| FOLLA | Ixxxx.... |
| | *JOHROG ERKOLE* |

---

## *Xena 2/C*

---

| | |
|---|---|
| ERKOLE | Hello.... hello.... mela sejrin ghall-bebbux? Thabblu raskom xejn. Hawn jien ghalikom. The one and only Erk! Nehliskom jien mill-Hanzir Selvagg. |
| Folla 1 | Iskot... li ma jmurx jistenbah. |
| ERKOLE | Listen mate. Xi darba jrid jistenbah. U x'jigri mbaghad? Come on wise guy, tell me? |
| Folla 1 | M'hemmx x'taghmel. Il-Hanzir ikun irid jiekol. Jigi jharbtilna l-ghelieqi u l-irziezet taghna. |
| Folla 2 | Tghidx kemm nghag qatlilna.. |
| Folla 3 | U moghoz. |
| Folla 4 | U baqar. |

ERKOLE — OK, OK. But now that is all over. Big Brother is here. Gejt apposta biex nehliskom minnu.

Folla 1 — Imma l-Hanzir ghandu l-ghassies tieghu.

ERKOLE — What's this ghassies tieghu?

Folla 2 — Ic-Centawr... mostru nofsu bniedem u nofsu ziemel.

ERKOLE — And do you think Big Erk se jibza' minn dawn il-hafna nofsijiet?

Folla 3 — Tghidx kemm hu f'sahhtu.

Folla 4 — U kattiv.

ERKOLE — *(Jghajjat)* Ok, you Centawrus, come along here... on the double... you half boy-half-toy. Come along.

*JOHROG IC-CENTAWR. FOLLA TAHRAB*

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------
-----------------------------

## *Xena 2/D*

---

CENTAWR — Min sejjahli?

ERKOLE — Hello, hello. You look real cute, horsey baby. Qatt ma rajt ziemel bhalek.

CENTAWR — Jiena minix ziemel.

ERKOLE — Of course, of course... inti bniedem. Tirraguna u titkellem.

CENTAWR — U lanqas bniedem.

ERKOLE — OK then. What exactly are you?

CENTAWR — Jiena Centawr.

ERKOLE — Pleased to meet you. Look here, allura int qatt ma thajjart tmur tbigh il-haxix?

CENTAWR — *(Offiz)* Inbigh il-haxix !?

ERKOLE — Yea. Tkun tista' tigbed il-karettun u tghajjat bil-haxix fl-istess hin.

CENTAWR — Ma tarax. Jiena rrid nuri dejjem kemm jien b'sahhti...

ERKOLE — Mela min jaf kieku tibda tmur sal-Marsa ghat-tigrijiet. Tkun iz-ziemel u l-jokey flimkien. U r-rebh kollu ghalik.

CENTAWR — Dak mhux xoghli.

ERKOLE — I've got an idea. Ibda mur fil-Fieri u rikkeb it-tfal fuq dahrek. Fifty cents a ride. Big business <u>Man</u>.. sorry <u>Horse</u>... sorry... <u>Horseman</u>.

CENTAWR — Ga ghidtlek, jien xoghli ta' gellied!

ERKOLE — Now I've got it! Boxing and Kick Boxing. Two in one. That's your line.

CENTAWR — Dan xi jkun?

ERKOLE — Glied bil-ponn u daqqiet biz-zewg. No one can beat you at that.

CENTAWR — Din tidher interessanti.

ERKOLE — Right. Mela hawn, ha. *(Jaghtih biljett)*. Cempel hawn fuq dan il-mobile u staqsi ghall-Fredu l-Boxer.

CENTAWR — Orrajt. Grazzi tassew. B'hekk naqla' xi sold.

ERKOLE — *(Aside)* U xi daqqtejn ukoll! Ciao baby.
U issa.. ghall-Hanzir Selvagg!

*JOHROG IL-HANZIR B'GHAJTA KBIRA U JAQBEZ FUQ ERKOLE.*

---

## *Xena 2 / E*

---

ERKOLE — Ajma kif hsadtni. You're a real naughty piggy.

HANZIR — Jien nissejjah Boar... ja injorant!

ERKOLE — U taf titkellem ukoll. Zgur mintix pappagall?

HANZIR — Boar... Wild Boar! Cingjal!

ERKOLE — Insomma... xorta mir-razza tal-hanzir. Isma', inti thobbhom il-*Pork Chops?*

HANZIR — *Pork Chops?* Dawn kif ikunu?

ERKOLE — *(Lill-udjenza)* Smajtuha din? Hanzir ma jafx xi jkunu *Pork Chops!*
*(Lill-Hanzir)* U allura qatt ma doqthom?

HANZIR — Le qatt!

ERKOLE Jien il-lejla fi hsiebni niekol ikla minnhom.

HANZIR U jkunu tajbin?

ERKOLE Hmmmm!!! *(lill-udjenza)* Intom thobbuhom il-*Pork Chops? (Lill-Hanzir)* You see! Just delicious!

HANZIR Isma' sieheb, jien tghidx kemm kilt bnedmin u bhejjem, imma dawn il-*Pork Chops* li qed issemmi qatt ma doqthom. Il-lejla se tiekol minnhom... tassew?

ERKOLE Ikla kbir.

HANZIR Jimporta nigi mieghek.

ERKOLE Lanqas xejn. You're welcome. Anzi... la tridni nghidhielek... jekk ma tigix mieghi ma nkunx nista' nikolhom.

HANZIR Ejja mela, x'int tistenna... talqna.

ERKOLE *(Lill-Udjenza)* And you're invited, too.

*ERKOLE U L-HANZIR JITILQU.*
*JOHROG IC-CENTAWR B'RASU NFAXXATA, IDU FI SLING U BI BLACK EYE.*

CENTAWR Fejn mar dak il-ferh ta' bniedem? Nurih jien kif ikun Boxing.... *(Jidhol jigri 'l gewwa)*

---

## *XENA 3 --Inaddaf l-Istalel*

-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# *Xena 3/A*

---

***Tohrog Liz irrabjata u b'pass mghaggel. Erkole jigri warajha.***

ERKOLE Liz.. Liz... iva ieqaf ismaghni. Dan li qed naghmel kollu ghalik.

LIZ Ghandi aptit nilwilek ghonqok. U ghandek il-wicc tghid li dan kollu qed taghmlu ghalija. Min qallek toqtol lil dak l-iljun? U l-Hanzir? Min?

ERKOLE Imma jahasra... dik il-missjoni tieghi.

LIZ *(b'ironija)* ... biex takkwista t-tfajla ta' qalbek. Mela ghandek tkun taf li jiena QATT u QATT mhu se nhobb mostru brutali bhalek.

ERKOLE Ftit ilu smajtek tghid li inti thobb il-mostri. Hobb lili wkoll mela.

LIZ Jiena nhobb lil dawk il-mostri-mostri mhux lill-mostri-redikoli. *(Titlaq u Erkole warajha)*

ERKOLE Liz.. Liz... iva ismaghni ftit...

***JOHROG IL-KOR FLIMKIEN MA' GOVANN u MENA:***

---

## *Xena 3/B*

---

*Waqt li l-Kor "jiddeklama" l-poezija, issir mima ta' dak kollu li jkun qieghed jinghad.*

KOR
Erkole kwazi xaba'
Jiggieled bla waqfien,
Biex jeqred mostri w gganti,
GOVANN
U nemel u dubbien.

KOR
Xtaq kieku jtuh xoghol iehor,
Fejn mhemmx bzonn t'esperjenza;
Bla glied u battikati,
MENA
Bla dmija w bla vjolenza.

KOR
Sa fl-ahhar Gjove semghu
U ried ghalih ihenn:
Qallu: "Se ntik xoghol iehor...
GOVANN
OK, no problem, Man!"

KOR
F'pajjiz sabih, imbieghed,
Qalb sigar u wesghat,
Hemm jghammar Sultan xwejjah,
MENA
Miskin, daqsxejn spissjat!

KOR
Sultan sinjur mill-aqwa
Ghax tghidx kemm ghandu bhejjem:
Ghogiela, gniedes, baqar...
GOVANN
U hniezer kollha ntejjen!

KOR
L-istalel ta' dal-bhejjem,
Ma tnaddfu qatt u qatt,
Il-hmieg tliet piedi gholi..
MENA
Ma jrid inaddfu hadd...

KOR
Ghalhekk, int... ja kbir Erkole,
Mur s'hemm u ara x'gara...
Mur fittex naddaf kollox...

GOVANN — U nehhi dak il-...... il-hmieg!

KOR — Nordalek, dawk l-istalel,
Tnaddafhom b'attenzjoni...
Tahsilhom u tbahbahhom..

MENA — W attent minn xi nfezzjoni!

KOR — U ghandek biss gurnata!
Jum wiehed... zomm l-amment,
'Kk iddum imqar siegha aktar...

GOVANN — Hemm multa t'8 %!"

KOR — Erkole beda jahseb:
"Dan xejn mhu xoghol hafif...
Ahjar kif kont, mal-gganti...

MENA — Tghid niehu gimgha lijf?"

KOR — Sa fl-ahhar dlonk medd ghonqu,
Ghax-xoghol li kien jehtieg,
Mar fis sab dawk l-istatel...

GOVANN — Imfawra kollha hmieg!

KOR — U qaghad josserva kollox...
Ghax milli seta' jara,
Daqs mil boghod mill-istalel

MENA — Kien hemm ghaddejja xmara!

KOR — U ekku, il-kbir Erkole,
Mar haffer hofor twal....
U fforma xmara kbira

GOVANN — Qisha s-*Suez Canal!*

KOR — It-triq tax-xmara dawwar
(Biex b'hekk zamm il-promessa)
Fl-istalel l-ilma dahal,

MENA — Trid tara x'daqsxejn pressa!

KOR — U x-xmara garret kollox,
U naddfet kullimkien,
Garret maghha l-intejjen...

GOVANN — W anki xi zewg gidien!

KOR — W hekk Erkole, ghal darb'ohra,
Tassew safa l-Eroj;
Sar *champion* ta' l-indafa

MENA — U mar jahdem mal-BAD BOY!

GOV/MENA — Izda.... tafu xi gralna?
Ix-xmara, tigri... ttir...

| | |
|---|---|
| | Il-hmieg garritu kollu, |
| KOR | PRECIZ GOL-PORT IL-KBIR! |

# *XENA 4 -- Il-Hajdra*

## *Xena 4/A*

| | |
|---|---|
| | ***JOHROG ERKOLE*** |
| ERKOLE | Liz... Liz... fejn inti. |
| LIZ | ***(Tohrog u tibqa' wieqafa 'l boghod minnu bla ma ticcaqlaq)*** |
| ERKOLE | Qed tara... issa ma qtilt lil hadd.... anzi naddaft l-istalel taz-zwiemel. Kuntenta issa? |
| | ***LIZ ma twegbux imma donnha qed tiehu gost b'dak li ghamel.*** |
| ERKOLE | U issa l-annimali li inti tant thobb qed jghixu kuntenti, nodfa u f'ambjenti igeniku. |
| | ***LIZ... bhal qabel. Erkole jersaq lejha.*** |
| ERKOLE | Liz ta' qalbi. |
| LIZ | *(Tingibed lura)* Iffff ersaq 'l hemm... ghandek riha ta' drenaggi!! |
| | ***LIZ TITLAQ 'IL GEWWA.*** |
| ERKOLE | Heads you win, tails I lose! |
| | ***Hoss ta' sirena ta' zmien il-gwerra.*** |
| | ***JOHROG Suldat bi <u>steel helmet</u> go rasu johrog jghjjat.*** |
| SULDAT | *Air-raid warning! Air-raid warning*. Kulhad jingabar go djaru. Riesqa l-Hajdra. |
| | ***Titfacca folla nies imwerwra, tigri, tghajjat u twerzaq.*** |
| ERKOLE | Hi folks! Wait a sec.... wait a sec. What's goin' on? |
| Folla 1 | Il-Hajdra gejja ghalina. |
| Folla 2 | Niezla fil-belt biex teqred in-nies kollha. |

| | |
|---|---|
| Folla 3 | Maghmula taghna. |
| Folla 4 | *(B'lehen solenni)* Wasal l-ahhar tad-dinja. Indmu, ibzghu u tkexkxu. |
| SULDAT | *(Lill-Erkole)* Sinjur, ahjar iddabbar rasek int ukoll. |
| ERKOLE | Hold it.. hold it. Xi tkun dil-Hajdra ? |
| SULDAT | Serpent<u>a</u> tal-wahx. |
| ERKOLE | U tkun hadra? |
| SULDAT | Le, sewda! |
| ERKOLE | U forma ta' serp? |
| SULDAT | Le, forma ta' kelb. |
| ERKOLE | Sewwa, mela... Hajdra li mhix hadra u Serpenta li mhix serp. Mara jew ragel? |
| Folla/Kor | Mara. |
| ERKOLE | Twila...? |
| Folla/Kor | Tletin metru. |
| ERKOLE | Kemm tizen? |
| Folla/Kor | Hames mitt kilo! |
| ERKOLE | Kulur ta' xagharha....? |
| | *(Skiet)* |
| ERKOLE | Kulur ta' xagharha....? |
| SULDAT | Sinjur, il-Hajdra ghandha 10 irjus u kull ras ghandha xaghar ta' kulur differenti. |
| ERKOLE | Allura dawn l-irjus kollha ghandhom halq? |
| SULDAT | Dazgur. |
| ERKOLE | U kull halq ghandu s-snien? |
| SULDAT | Erba' saffi! |
| ERKOLE | Ippuntati? |

SULDAT Daqs stallett!

ERKOLE OK guys. See you some other time. *(Ikun se jitlaq)*

Folla *(Iduru mieghu bi hniena)* Le, le,... ja kbir Erkole. Henn ghalina! Salvana!

*TOHROG IL-HAJDRA.*
*FOLLA TWERZAQ U TAHRAB*

---

## *Xena 4 / B*

---

**? *Kanzunetta***

HAJDRA Eh, mela sewwa smajt. Inti il-famuz eroj li minghalik gejt biex teqridni, hux tassew?

ERKOLE U mur, x'kull wahda! Mela inti temmen kull ma tisma'? Jiena gejt biss biex niltaqa' ftit mieghek.

HAJDRA Hmmmm. U ghalfejn trid tiltaqa' mieghi?

ERKOLE U... ma tafx int. Xtaqt naghmel konoxxenza tieghek. Mhix haga komuni, hux tassew, li tiltaqa' ma' Sinjorina ... hekk, specjali bhalek. Imma ma rridx nohodlok rasek.

HAJDRA Liema ras? Jien ghandi ghaxra.

ERKOLE Mela zgur hadd ma jista' jghid li int nofs ras! Kos qed nghid: ara meta jkollok ugigh ta' ras kemm tbati!

HAJDRA Jien qatt ma jkolli wgigh ta' ras.

ERKOLE U jekk tiltaqa' ma' xi "Hajdru" gustruz u titlef rasek warajh?

HAJDRA Jibqaghli d-disgha l-ohra.

ERKOLE Imma jekk idahhal fellus f'rasek li hadt grazzja mieghu?

HAJDRA Ikolli gallinar shih.

ERKOLE Qatt ma jistghu jghajruk bla ras.

HAJDRA Qatt!

| | |
|---|---|
| ERKOLE | Jew li tista' sserrah rasek. |
| HAJDRA | Lanqas! |
| ERKOLE | Jew li tista' tmur f'ras il-ghajn. |
| HAJDRA | Din xi tkun? |
| ERKOLE | U tiehu mieghek lil Rasputin! |
| HAJDRA | Tafx li qed inhossok tistordini... |
| ERKOLE | Allura Ras ir-Randan jigi minnek? |
| HAJDRA | Iskot. |
| ERKOLE | Gieli jistednuk meta jigu hafna rjus kbar? |
| HAJDRA | Ieqaf! |
| ERKOLE | U meta jkollok rasek tqila? |
| HAJDRA | Bizzejjed! |
| ERKOLE | Jew rasek iebsa? |
| HAJDRA | BIZZEJJED! |
| ERKOLE | Jew ma tafx fejn se taqbad taghti rasek.... |
| HAJDRA | *(Iddur storduta u taqa' ma' l-art)*<br>Ma nafx ... ma nafx. |
| ERKOLE | Aghtiha lili! *(jixhtilha xibka fuqha).* |
| | *JOHROG IS-SULDAT* |
| SULDAT | U b'tifkira ta' dan l-att erojku, din l-gholja qaddisa li fuqha Erkole qatel lill-Hajdra ta' Ghaxar Irjus, baqghu jsejhulha: "L-Gholja ta' Xiber-Ras!" |

---

## *XENA 5 -- It-Tuffieh tad-Deheb*

---

# *Xena 5/A*

---

***JOHORGU GOVANN u MENA***

MENA Ma jitghallem qatt... issa zgur li se jkollu xi jghid bis-serjeta ma' Liz.

GOVANN Imma jien nahseb li ghamel sew li qatel lil dik il-kruha ta' Hajdra.

MENA Kieku kellna noqtlu lil kull min hu ikrah, kieku inti ilek is-snin mejjet.

GOVANN Imma l-Hajdra kienet qed toqtol in-nies u tharbat l-ibliet.

MENA Mela min jaf l-annimali x'imisshom jaghmlu LILNA... ghax ahna wkoll noqtlu minnhom bl-eluf?

GOVANN Af li mieghek qatt ma tista' tiehu palju. Ejja ha naraw Erkole x'se jaghmel issa.

_

## *Xena 5/B*

_

***JOHROG IL-KOR***

KOR

F'dal-grajjiet Erkole taghna
Tghidx kemm sofra battikati!
Biex iwettaq xoghlu kollu
Oh miskin kemm kellu jbati!

Issa tawh xoghol iehor x'jaghmel,
Xoghol bil-wisq perikoluz,
Minn gol-gnien ta' l-alla Hera
Jisraq frott tassew prezzjuz.

Kien tuffieh tad-deheb ilellex,
Go nofs gnien maqful fis-swar,
Izomm ghassa hdejn is-sigra,
Kien hemm serp mill-aktar kbar!

Kien serpent qalil u ahrax,
Ghajnejh hodor iccassati,
Halqu mkebbes vampa wahda,
Snienu skieken ippuntati!

Haseb Erkole, qalleb mohhu,
Qatta' ljieli bla mistrieh,
Jara jsibx xi soluzzjoni
Kif se jisraq dat-tuffieh.

Kieku nistghu f'dil-bawxata,
Konna zgur naghtuh palata!

*JOHORGU ERKOLE U LIZ*

---

## *Xena 5/C*

---

LIZ — Did-darba se nipprova nghinek...

ERKOLE — Tassew???

LIZ — Basta tweghedni li ma toqtol lil hadd?

ERKOLE — Le, mhemmx ghalfejn glied. Did-darba qaluli li rrid nisraq it-tuffieh tad-deheb.

LIZ — Kollox sew... mela mur sib lil Atlas u ghid ilu jmur igiblek it-tuffieh.

ERKOLE — U dan l-ghala?

LIZ — Ghax ghassa mas-sigra tat-tuffieh hemm serpent tal-wahx li lil Atlas ma jaghmillu xejn ghax dak ghandu l-protezzjoni ta' l-allat. Atlas jiehu gost jekk xi hadd jehilsu ghal ftit mill-pis tad-dinja li dejjem igorr fuq dahru.

ERKOLE — Inti tassew gawhra li tghammex l-ghajnejn....

LIZ — Ma nergghux nibdew eh... come on.... on the double...

***ERK U LIZ JITILQU***
***JOHROG IL-KOR***

---

## *Xena 5/D*

---

KOR — Atlas kien qed jerfa’ d-dinja
Fuq spallejh b’idejh it-tnejn,
Kien jixtieq li xi hadd jigi
Halli jserrhu mqar saghtejn.

Oh x’pis kellu! X’kastig ahrax!
Kemm problemi, strambi w kbar,
Fuq spallejh it-toqol taghhom
Jaghfas dejjem lejl u nhar.

*ATLAS U ERKOLE*

ERKOLE — *(Jidhol ikanta)*

*"He's got the whole world,*
*In his hands he's got the whole world...."*
Hi... Mate. How's your weight-lifting today?

**? *Kanzunetta***

*(He's Got the Whole World)*

KOR

Tabilhaqq
Ghandu hajja tant krudila,
U jehtieg
Illi jrabbi daqsxejn hila,
Fuq spallejh ghandu dinja tqila, tqila
*In his hands*
*He's got the whole world in his hands.*

Jekk maltemp
Forsi anki x-xmajjar faru,
Jew vulkan
L-ibliet kollha gamra saru,
Terremot
Irid jerfghu wkoll fuq dahru,
*In his hands*
*He's got the whole world in his hands.*

Glied u nkwiet
Ta' bil-fors ikollu jduqu,
Gwerer kbar,
Ghaddejjin bil-heffa jsuqu,
Mard u ghaks
Il-pis taghhom jaghfas fuqu,
*In his hands*
*He's got the whole world in his hands.*

Kemm nies kbar
Li ta' spiss nisimghu dwarhom,
Prim Ministri
W Presidenti w nies tamparhom,
Jahsbu lkoll
Illi d-dinja zzomm fuq daharhom
*In his hands*
*He's got the whole world in his hands.*

---

## *Xena 5/E*

---

ATLAS

Ma niflahx aktar.... inhoss dahri se jinqasam.

ERKOLE But look here, dan it-training kollu is doing you a lot of good.

ATLAS Kieku xi hadd imqar iserrahni ftit.

ERKOLE Listen... jiena kieku lest nghinek. Imma trid tghinni inti wkoll. Titt-for-tatt!

ATLAS Ghidli.... ghidli... fiex tridni nservik? Lest naghmel kollox. Basta tehodli ftit dan il-pis.

ERKOLE Haga zghira kull ma rrid: tmur fil-gnien ta' Hera u ggibli t-tuffieh tad-deheb...

ATLAS Imma hemmhekk hemm is-serpent.

ERKOLE Lilek zgur ma jaghmillek xejn.

ATLAS U jekk ma jaghrafnix u jahsibni xi hadd iehor?? Smajt li dan l-ahhar ghajnejh ma tantx ghadhom tajbin.

ERKOLE M'ghandek xejn x'titlef; wara kollox, nahseb li ghalik ahjar mixwi milli mghaffeg taht dan il-pis kollu. So... what d'you say? Do we have a deal?

ATLAS Marret! Xi jrid ikun. Hawn ha.... zomm id-dinja.

*Erkole jerfa' d-dinja minflok Atlas.*

ERKOLE Ghall-erwieh jahasra.... x'dinja din! Grazzi, Erk.... dalwaqt tarani gej lura. Halli kolox fi hsiebi.

*ATLAS JITLAQ*

---

## *Xena 5/F*

---

KOR Atlas telaq jigri w jaqbez
Tista' tghid kien nesa kif,
Beda jizfen, joghla, jkanta
Hassu hieles u hafif.

Hadd ma jaf ezatt kif ghamel,
Sabiex seraq it-tuffieh.
Jekk is-serp kienx forsi rieqed
W anqas biss induna bih.

Nafu biss li dlonk gie lura,
Bit-tuffieh tad-deheb f'idejh,
Waqt li Erkole jitqanzah

B’dak it-toqol fuq spallejh.

---

## *Xena 5/G*

---

ATLAS — Hawn Erk... wasalt.  Hawn huwa t-tuffieh.

ERKOLE — M’hawnx ghalik, *Encyclopedia*... sorry, ridt nghid: Atlas.  Int tassew tal-genn.

ATLAS — Taf x’qed nghid... jien issa nista’ nzomm it-tuffieh ghalija u lilek inhallik hemm ghal dejjem, terfa’ l-pis tad-dinja minfloki. *(b’inkejja)* Xi tghif eh, Erky Baby?

ERKOLE — Fil-fatt, kont se nistaqsik jekk jimpurtax thallini nerfaghha jien.... ghal dejjem.

ATLAS — Kif !?  Jigifieri trid tghidli li inti qed tiehu gost terfaghha??!!!

ERKOLE — Dazgur!  X’hawn isbah milli jkollok id-dinja kollha f’idejk... kollox jiddependi minnek?!

ATLAS — *(aside)*  Dan tassew mignun!  OK Erky... bil-qalb kollha...

ERKOLE — Taf x’nixtieq biss.... inqieghed ftit *foam* hawn, fuq spallti... kemm ma ninstelahx bil-pis.  Jimporta zzommhieli ftit sa ma npoggi l-*foam*?

ATLAS — Mela le... newwel ’l hawn.  M’ghandekx ghagla.

*ATLAS ipoggi t-tuffieh ma’ l-art u jiehu d-dinja minghand Erkole*

ERKOLE — OK wise guy.  Thanks for the trouble.  Farewell... Addio... Halli 'l min jarak mill-inqas.

ATLAS — Kif!!?  Mela rega’ bdielek ?!

*ERKOLE JXEJJIRLU U JITLAQ IKANTA:*

ERKOLE — *He’Got the Whole  World... in his hands he’s got the whole world...*

---

## *XENA 6 -- Cerbru, il-Kelb tad-Dlamijiet*

# *Xena 6/A*

***GOVANN u MENA:***

GOVANN — Is-sitt battikata ta' Erkole kienet dik li...

KELB ZGHIR — ***(Johrog jigri jinbah)*** Baw-Waw-waw

MENA — ... igib lil Cerbru mid-dinja ta' taht l-art....

GOVANN — Cerbru kien kelb.

KELB — Baw-waw.

MENA — Mhux kelb ckejken u fidil bhal dan... imma kelb qalili, kiefer u tal-wahx!

KELB — ***(Iwerzaq imbazza' u jmur jistahba wara GOVANN)***

KOR — Cerbru kien il-kelb tal-biza',
Gewwa l-art tal-harsijiet,
Kien l-ghassies ta' l-erwieh kollha
Jghix l-infern fid-dlamijiet.

L-erwieh kienu jibzghu minnu
W qatt ma kienu jissugraw,
Jerzqu lejh, ghax kien ihangar:

*KELB* — *Baw-waw! Baw-waw! Baw-waw!*

KOR — Minn go halqu kellu hiereg
Serpent kbir bis-snien u l-qrun,
Kellu denb bix-xewk iniggez
Jixbah sew lil ta' skorpjun.

L-erwieh kienu jghajtu dejjem:
"Zommu 'l boghod! Qatt, tersqax 'l haw'!"
Izda Erkole wegibhom:

*KELB* — *Baw-waw! Baw-waw! Baw-waw!*

***JOHORGU ERKOLE U LIZ***

# *Xena 6/B*

LIZ — Imma trid tweghedni li lil dal-kelb ma taghmillu l-ebda hsara...

ERKOLE Inwieghdek!

LIZ Li ma tahqrux....

ERKOLE Fuq l-unur tieghi ta' Super-Eroj.

LIZ Kollox sew mela. *(Bi ftit tal-hlewwa)* Mur ... and take care...

ERKOLE Allura mbaghad issir thobbni.

LIZ *(Tahtfu bil-herra)* Imbaghad naraw! L-ewwel nett irridu naraw jekk inti intix se tigi lura qawwi u shih. Ma naf b'hadd li nizel fl-infern u rega' lura.

ERKOLE Ghal imhabbtek naghmel kollox.

LIZ Mur gib dak ix-xifajk ta' kelb!

***ERK U LIZ JITILQU***

---

## *Xena 6/C*

---

? ***Kanzunetta***:
(*How Much is that Doggy in the Window)*

KOR

How much is that doggy in the window,
The one with the waggily tail,
How much is that doggie in the window,
Kelb iswed li johrog bil-lejl!

Jaqbillek tmur f'Pet Shop, u ggib *hamster*
Jew tixtri xi erba' hutiet,
Ghasafar kemm trid, hemm minn fejn taghzel;
M'ghandekx ghalfejn tfittex inkwiet!

Hawn min kellu kelb u kwazi gennu,
Qattaghlu w carratlu s-sufan,
Izda int, ahseb w ara x'battikata,
'Kk fi hsiebek iggib kelb-Xitan!

How much is that doggy in the window,
The one with the waggily tail,
How much is that doggie in the window,
Kelb iswed li johrog bil-lejl!

---

## *Xena 6/D*

| | |
|---|---|
| ERKOLE | Hello Cherry-berry-baby! Fejn inti puppy honey. I've got good news for you. |
| | ***JOHROG CERBRU*** |
| CERBRU | Grrrrrrr.... dan hu l-isbah jum ta' hajti... meta se neqred darba ghal dejjem lil Erkole. Ersaq 'l hawn ja platt appetizer... ersaq ha nibda l-gurnata bit-tajjeb. |
| ERKOLE | Gurnata? X'gurnata hi? Mela hawn isfel, f'dad-dlam kollu, qatt tista' tkun taf jekk hux il-jum jew il-lejl. Afli, jien lilek tassew nithassrek. |
| CERBRU | U ghalfejn tithassarni ? |
| ERKOLE | Ghax jahasra... kelb hekk specjali bhalek, stajt ghamilt karriera mill-aqwa... u kont issir famuz. |
| CERBRU | Jien ga famuz! |
| ERKOLE | Imma dejjem maqful hawn isfel! Ara.. hares ftit lejn dawn. *(johrog ritratt kbir tal- "101 Dalmations")*<br>Dawn il-klieb redikoli... qishom bil-hosba, saru sinjuruni... miljunarji. Tghid int mintix ahjar minhom? |
| CERBRU | Dazgur li ahjar minnhom. |
| ERKOLE | U dawn ukoll ara: *Lady and the Tramp.* Saru allat tac-cinema u jghixu fil-lussu. |
| CERBRU | Saru allat??? |
| ERKOLE | Mela x'inhu. |
| | ***JOHORGU persuni b'posters kbar fidejhom*** |
| | Hemm ara... *Beethoven! Oliver and Friends! Pluto! All Good Dogs Go to Heaven!...* Sorry Cherry-Berry..no offence meant! *Lassie! Rin-Tin-Tin!* Kollha multi-miljunarji. U int bqajt hawn... fid-dlam.... |
| CERBRU | Ja qatta' griewi mgewhin! |
| ERKOLE | Jekk trid inti tista' ssir bhalhom. Anzi... x'jien nghid... aqwa minnhom ilkoll. |
| CERBRU | U nsir alla? |

ERKOLE — Alla tac-cinema u tat-TV u ta' Hollywood kollu. Aktar famuz mill-Ipokriti!

CERBRU — Ghidli x'ghandna naghmlu.

ERKOLE — L-ewwelnett irridu naraw kif se nohorgu minn hawn isfel. Ghax Hollywood hu kemxejn 'il boghod; ghalkemm gieli jghidu li qisu nfern.

CERBRU — Biex nohorgu minn hawn haga zghira. Sakemm tkun mieghi hadd ma jaghmillek xejn.

ERKOLE — U hares 'l hawn: issa rridu naghtuk *stage name*, ghax Cerbru ... hekk donnu it's a bit on the goring side. How about Cherry-berry?

CERBRU — L-aqwa li nsir alla. Tlaqna.

ERKOLE — OK.... so up we go....

***ERKOLE u CERBRU JIDHLU 'L GEWWA.***

***Tinstama' d-diska ta' "How much is that doggie in the window!" JOHORGU GOVANN U MENA JIMBOTTAW KAXXA TAL-HOT DOGS.***

RAGEL — Hot-dogs.... American Cherry-berry hot-dogs!

---

## *XENA 7 -- L-Ghasafar Imsahhra*

---

# *Xena 7/A*

---

***JOHORGU ERK u LIZ***

LIZ — Inti tassew viljakk, bla qalb, antipatku u qarrieqi....!

ERKOLE — Le... jiena kelmti zammejtha. Lill-kelb jien ma ghamitlu xejn.

LIZ — dazgur.. imma beghtu lil dawk tal-Hotdogs...

ERKOLE — Heqq .... business my love. It's all in the game.

LIZ — Daqshekk.... bejnietna spicca kollox...

ERKOLE — Ma jistax ikun.... l-allat mhux hekk qaluli...

LIZ — Mela mur ghidilhom isibulek ohra. Ciaw....

ERKOLE *(Lill-udjenza)* Isimghu minni. Qatt ma jaqbillek tkun eroj! *(Jidhol)*

***JOHROG IL-KOR, kulhadd jibki u jqajjem pandemonju. Waqt il-biki, Persuni 1-4 jghidu:***

---

## *Xena 7/B*

---

Persuna-1 L-isqra l-imsahhra....

Persuan-2 Isqra Mostri!

Persuna-3 Tal-Bronz!

Persuna-4 Tinsabu assedjati!

Persuna-1 Irvinati.

Persuna-2 Ikkundannati!

Persuna 3 Soffokati!

Persuna-4 Iddisprati!

KOR Gew l-Isqra msahhra u nvadew l-art taghna,
Joqtlulna t-tjur, il-bhejjem u 'l uliedna,
Harqulna r-raba' bil-hmieg jinten taghhom,
Ir-rix li jisparaw jidrob bhall-vlegeg,
L-ghajat ma jaqta' xejn qasmilna mohhna...
Taqqbilna rasna!
Damdmilna ruhna!
Weeq... weeq.. weeq...

***Kulhadd jibda jaghmel bhal danza ritwali u jghajtu l-ghajat ta' l-ISQRA***

***JOHROG ERKOLE***

ERKOLE What the heck is going on?

Persuna-1 Erkole...Erkole... salvana. *(Jitilqu jigru lejh)*

Persuna-2 Kun l-eroj taghna.

Persuna-3 Ieqaf maghna.

Persuna-4 Henn ghalina.

Persuna-1 Ipprotegina.

ERKOLE — Hold it guys. Hold it! Nista' nkun naf x'inhu jigri?

***JOHROG FIN-NOFS IL-KAP***

KAP — Ja kbir Erkole, jiena l-Kap ta' dan ir-rahal. Ninsabu attakkati minn corma isqra msahhra. Isqar kbar tal-bronz. Gew jghammru hawn f'din l-art taghna u ma nifilhux nissaportuhom aktar.

KOR — Joqtlulna t-tjur, il-bhejjem u 'l uliedna,
Harqulna r-raba' bil-hmieg jinten taghhom....

ERKOLE — OK ok... ga smajtkom tghiduha meta kont ghadni hemm gew. So, what's the problem?

KAP — Kif "What's the problem?" Jehtieg li xi hadd jehlisna minnhom.

ERKOLE — There we go again. Isma' hej, issa bdejt nixba' sal-ponta ta' mniehri kulhadd jippretendini nsolvilu l-problemi kollha.

Persuna-2 — Imma dak xoghlok. Inti eroj.

ERKOLE — You see... ghax issa jien eroj!!!! U t-tajba hi li lanqas nista' nirrezenja.... jew nohrog *boarded-out!*

Persuna-3 — Jekk tehlisna mill-isqra naghtuk 50 baqra.

Persuna-4 — 50 ziemel tar-razza.

Persuna-1 — 50 gild tas-suf tan-nghag.

Persuna-2 — 50 bettija nbid.

KAP — *(Solenni)* Jekk tehlisna minn dan il-flagell naghmel seher lis-sbejha Liz issir thobbok!

ERKOLE — Is-sbejha Liz. Ix-xmux kollha ta' l-univers. OK Boss... it's a deal.

KULHADD — *(Jigru jduru ma' Erkole u jerfghuh)* Yeeees....
He is a jolly good fellow
He is a jolly good fellow...ecc

***JOHORGU MENA U GOVANN***

MENA — Skuzi Sur Erkole... tinsiex li l-mahbuba tieghek ma tihux gost tarak toqtol dawk l-isqra...

GOVANN — Se tiksirha maghha darba ghla dejjem..

ERKOLE Don't worry... jien lill-Isqra ma se naghmlilhom xejn. Intom se taghmlulhom.

GOV/MENA Min? Ahna?

ERKOLE You just wait and see. Imxu ha nghidilkom

***ERKOLE, GOVANN u MENA JIDLU 'L GEWWA.***

***JOHORGU L-ISQRA***

---

## *Xena 7/C*

---

ISQRA Ahna ntiru w naghmlu *VUUMMM*
Fuq il-bhejjem ninzlu *BLUUMMM*
Nisparaw ir-rix bhal vlegeg:
Jaghmel *CIMM - PAQQ - PUMM!*

F'nofs l-ghelieqi naghmlu xaqq,
Naqsmu s-sigar, jaghmlu *CLAQQ*
Naraw bniedem nisparawlu:
Naghmlu *CIMM - PUMM - PAQQ!*

***JOHROG ERKOLE***

ERKOLE Holy macerel! This is fantastic!

SEQER-1 Hawn x'gara? Int min int?

ERKOLE This is unbelievable !

SEQER-1 X'inti thawwad ?

ERKOLE Your're just gorgeous!

SEQER-1 *(lil shabu)* Jaqaw dan qed ihoss mohhu?

ERKOLE Fabulous!

SEQER-1 *(Jitmashan)* Issa se ttellaghhomli u malajr inpoggik ghall-frisk. Nista' naf xi trid?

ERKOLE *(Melodrammatiku)* Xejn... nixtieq biss thalluni nitpaxxa bil-gmiel bla qies taghkom. F'ghomri kollu ghadni qatt ma ltqajt ma' tajr daqshekk ta' l-ghageb. Ma nistax insib kliem biex infissrilkom x'jiena nhoss bhal issa. Qalbi ma tiflahx ghal ghegubijiet enormi bhal dawn.

SEQER-1 *(Lil shabu)* Jidher tassew gentlom dan l-istrangier. U jaf japprezza wkoll.

ERKOLE Nitlobkom... minn qiegh qalbi, halluni mqar immiss ftit dak ir-rix grandjuz taghkom.

SEQER-1 Tidher li inti hlejqa ta' kultura kbira... u ghalhekk se naghtuk il-privilegg li tmiss ir-rix taghna.

ERKOLE *(Jersaq imisshom)* Oh... xi tferfir! X'meravilja! Ma niflahx aktar. Intom tassew wiehed mill-Ghegubijiet tad-Dinja. Anzi l-ikbar wiehed! Dnub li qed tghixu f'dan il-post. Jixirqilkom pajjiz aqwa u isbah. Jixirqilkom tghixu fil-Gawhra tal-Mediterran.

SEQER-1 Il-Gawhra tal-Mediterran?? Din x'tahbat?

ERKOLE *(Johrog mill-but salt brochures turistici u waqt li jurihomlhom, jerga' lura lejn il-karattru tieghu)*
The greatest place on earth, man: Hotel Five-Star with the swimming pool tefgha ta' gebla 'l boghod mill-bahar. Sandy and rocky beaches... l-Ghadira and Ghar id-Dud... take your pick. Blue water, no tniggis, no zift and no fliexken tal-plastik. All the resturants Class-A, golden service. Discos all night through. Cinemas kemm trid, qed ifaqqsu more than the haxixa ingliza. Kulhadd bil-mobile u bl-Internet. What do you say?

SEQER-1 X'tahsbu hbieb? Dan jidher post ideali ghalina.

ISQRA Yes! Yes! Yes!

SEQER-1 *(Lil Erkole)* Int taf tghidilna kif naslu f'dan il-post?

ERKOLE The Gawhra tal-Mediteran you cannot miss it. Imxu mal-pitirrossi u l-gamiem u ssibu ruhkom hemm.

SEQER-1 Mela, sieheb, nghidulek grazzi minn qiegh qalbna.
Ghalina hbieb.

ISQRA Tghix hajja kuntent u ferhan,
F'dik l-art tajba wisq ghal sultan,
Dil-gzira specjali,
Tassew ideali,
Il-Gawhra tal-Mediterran!

***ERKOLE U L-ISQRA JIDHLU 'L GEWWA.***

***Jinstemghu tiri ta' snieter.***
***Jghaddi wiehed mill-Isqra jghajjat imbazza' min-naha ghall-ohra tal-Palk.***

***Muzika: "Martin il-Kaccatur"***

---

## *XENA 8 -- Il-Barri*

---

# *Xena 8/A*

---

***KOR bhala b/ground.***
***JOHORGU GOVANN U MENA***

GOVANN — U ekku Erkole wasal biex jistrieh. Din hija l-ahhar battikata tieghu. Forsi wkoll l-akbar wahda.

KOR — Jehtieglu jaqbad il-Barri ta' Kreta.

MENA — *(lill-Kor)* X'annimal hu l-Barri ta' Kreta ?

KOR — Barri.

GOVANN — U minn fejn hu?

KOR — Minn Kreta?

MENA — Prosit. Mela issa ghandna d-dettalji kollha.

GOVANN — Imma ghadna ma nafux dan x'tip ta' barri hu.

MENA — Pero' la darba gie msejjah Erkole biex jaqbadu, bil-fors li hu annimal qalil.

KOR —
Il-Barri ta' Kreta mhux barri tac-cajt,
Oqoghdu fuq kliemi, bhal dan qatt ma rajt!
Daqs tliet iljunfanti, il-pass tant hu sod
Li 'kk jigri, tisthajjel li gej terremot!
Il-Barri ta' Kreta tassew fih terrur,
Il-qrun daqs l-antenna li hemm il-Gharghur;
Trid tara xi kruha b'dak halqu miftuh,
X'hin rawh it-turisti, Ghar Dalam hasbuh!
U snienu tal-biza' bix-xedaq bhal tnalja
Jekk jonfoh u jghajjat jinstama' l-Awstralja;
Minn halqu jispara huggiega tant goffa,
Tisthajlu l-Vessuvju qed jerga' jizbroffa!
Il-Barri ta' Kreta mhux barri tac-cajt...
Jekk jaghtas quddiemek isabbtek mal-hajt!
Jekk Erkole haseb li din xi xalata.
Hemm cans li jispicca zalzett fil-kawlata.

***Muzika Spanjola tat-Toru***
***JOHROG ERKOLE liebes ta' Toreador***

---

## *Xena 8/B*

---

ERKOLE

Ole' Ole'! Mucjos grazjas Senores! Fejnos estos danos il-Barreros gganteskos?

 ***Kanzunetta***

*(Evviva l'Espagna)*

**Erk Toreadore**

Jekk tixtieq li tin\el wahdek f'nofs l-arena,
Biex turi sahhtek,
U tghaggeb lil kulhadd;
Waqt li l-folla ccapcap kollha ferh u hena;
U thossok kburi
Kif ma hassejtek qatt;
Jaqbillek tkanta dan il-kliem,
Biex nghannu kanzunetta lkoll flimkien...

Ghal hajja mzejna b'kull kulur...
***KOR:*** M'hawnx isbah minn Spanja,
Biex toqghod tara d-dinja ddur...
***KOR:*** M'hawnx isbah minn Spanja,
Biex tixrob tazza inbid pur...
***KOR:*** M'hawnx isbah minn Spanja,
Ghall-aqwa tfajliet u guvintur...
Lejn Spanja jkollok tmur!

KOR

*(Ikomplu l-poezija b'inkejja)*
Hello, dear Erkole! And why do you call?
Dan Barri minn Kreta, mhux barri Spanjol!

***KOR, GOVANN U MENA JIDHLU 'L GEWWA***

---

## *Xena 8/C*

---

ERKOLE

So this is my last show! I have to face this Barri Kretin! U ekko... biex jiffaccja this Pack of Bully-Beef, I decided to turn into a Toreadore: Erkole Juan Carlos di Sivilla. Il terrore dei tori .

***GHAJTA QAWWIJA TA' BARRI***

ERKOLE X'wahda din! Dan x'ikun? Forsi xi raghda... gej il-maltemp??

***Ghajta ohra....***

ERKOLE Imma r-raghad ma jkunx hekk. Tghid forsi... forsi... dak... dak... il-Barri Kretin... sorry... il-Barri ta' Kreta?

***Passi tqal li jdamdmu kullimkien.***

ERKOLE Ara jien ukoll... dan l-ilbies redikoli x'ridtu!!
***(Jinza' l-ilbies ta' Toreador u jigi bl-ilbies tas-soltu)***
Jien veru nhobbhom il-Barrin. Dejjem ammirajthom. Annimali dinjituzi...

***<u>Ghajta kbira u jitfacca l-BARRI</u>***
***(NOTA: Il-Barri jkun mghotti b'lizar jew carruta kbira u f'idejh ikun qed izomm frieghi ta' sigar biex il-lizar jiehu ghamla goffa u stramba)***

ERKOLE *(Imbazza')* X'wahda din.. dan x'annimal hu?! Bla ras, bla saqajn, bla denb...

BARRI *(B'lehen ohxon)* Rasi npoggiha fejn irrid, u denbi u saqajja wkoll. Inqeghidhom fejn jiftilli.

ERKOLE Do it Yourself Kit!

BARRI Iskot ghax dalghodu ghandi aptit niekol eroj.

ERKOLE *(Imbazza' dejjem aktar)* Tiekol eroj??? Orrajt... ha mmur nara nsiblekx wiehed.

BARRI Ieqaf hemm u ara biss ticcaqlaq... ghax donni qed inxomm wiehed fil-qrib.

ERKOLE Tassew? Jiena ma qed inxomm xejn. OK Mr. Beefy... se jkolli nhallik.... pleased to meet you, many happy returns, God bless you u prosit tal-programm... sahha..

***ERKOLE JMUR itaptaplu fuq spalltu, imma malli jaghmel dan, ic-carruta taqa' ma' l-art u jibqa' jidher biss BARRI Z-ZGHIR.***

ERKOLE *(Imurlu l-biza' kollu)* Ej.... dawn xi praspar huma!?

BARRI Skuzani u ahfirli.... tikxifnix.. nitolbok.

ERKOLE Inti l-famuz Barri Kretin li kulhadd jitwerwer minnu... Ha-ha-ha.... ?!

| | |
|---|---|
| BARRI | Le jahasra jien ma ridt inwerwer lil hadd. Ha nghidlek kif inhi dil-bicca: darba wahda kien ghamel hafna bard u nizel is-silg ukoll. Inti f'pajjizek nahseb qatt ma jaghmel silg... hux tassew? |
| ERKOLE | Xi xahrejn ilu. |
| BARRI | U jien tant hassejt bard li fettilli dawwart mieghi salt glud tan-nghag u weraq niexef biex forsi nishon. Meta kien ghoddu dalam resqu xi bdiewi fil-qrib u kif rawni ma nafx x'hasbuni. Bdew iwerzqu bil-biza' u jien bdejt nghajjat ghax tghidx kemm bzajt minnhom. Mill-ghada bdew igibuli l-ikel u l-ilma, qamh, silla u farru u kull xorta ta' hlewwiet, biex ma nattakkahomx. Heqq taf int, dil-bicca ghogbitni u komplejt il-loghba taghhom... |
| ERKOLE | M'hawnx ghalik... ja qarrieqi li int! |
| BARRI | Imma jahasra mhux tort tieghi. Hadd ma qallhom jibzghu minni. |
| ERKOLE | U issa ara x'se jaghmlulek la jsiru jafu. |
| BARRI | Le jahasra... tikxifnix. Zgur iqattghuni bcejjec u jaghmluni zalzett. |
| ERKOLE | Minnek mhux zgur johorgu nofs tuzzana hot-dogs. |
| BARRI | Ara kif naghmlu, jiena nwieghdek li ma nilbisx aktar ta' mostru u inti ghidilhom li qtiltni... |
| ERKOLE | U kif se jarawk mejjet? |
| BARRI | Ghandek raguni.... din m'ghadditlix minn rasi. X'wahda din x'bicca saram sibt ruhi fiha. Stenna ftit hsibtha. Ghidilhom li meta qtiltni, qattajtni bcejjec u kiltni kollni kemm jien. |
| ERKOLE | Bl-ghadam b'kollox? |
| BARRI | Ghamiltni brodu. |
| ERKOLE | Hmmmm. Mhix idea hazina. Tajjeb mela inti fittex sparixxi u minn issa 'l quddiem il-Barri ta' Kreta spicca. |
| BARRI | Spicca fillet-steak u kartell brodu. |
| ERKOLE | Haffef... imxi nitilqu minn hawn. |
| | ***BARRI U ERKOLE JITILQU***<br>***JOHROG IL-KOR, flimkien ma' GOVANN u MENA*** |

| | |
|---|---|
| KOR | Evviv' Erkole taghna,<br>Tassew eroj kapaci,<br>Qerdilna l-Barri l-kiefer<br>U regghet fostna l-paci.<br><br>Ejjew ha naghmlu festa,<br>Nifirhu u nkantaw,<br>Bis-sahha tal-kbir Erkole<br>Se nieklu u nixxalaw. |
| | ***JOHROG ERKOLE*** |
| ERKOLE | Smajt lil xi hadd isemmi xi festa??? |
| GOVANN | Oh.... l-eroj qalbieni taghna. Dazgur; se naghmlu festa f'giehek. |
| MENA | Konna se nistednuk.... imma mhux xieraq. |
| ERKOLE | Kif? Kif? Mhux xieraq, ghaliex?? |
| GOVANN | Ghax nafu x'ikla kbira ghadek kemm kilt meta qtilt il-Barri.... |
| ERKOLE | X'inhu??? Ikla kbira??? |
| KOR | Qtiltu...<br>Qaxxartu...<br>Sajjartu...<br>Hawwartu...<br>Xwejtu....<br>Ghallejtu...<br>Servejtu...<br>U bhala Erkole... l-eroj mimli bil-barka...<br>Kiltlu kull nitfa w mexmixt sa l-inqas farka! |
| MENA | U ghalhekk, peress li inti minjaf kif inti mimli sar ponta ta' mniehrek... |
| GOVANN | U peress li ma rridux li l-allat-iharsu-qatt ma tmurx taqbdek xi indigestjoni... |
| MENA | U peress li nafu li int qatt ma jghaddilek minn mohhok li tigi tiekol u tnaqqas mill-ikel tan-nies tal-Belt. |
| GOVANN | In-vista ta' dan kollu ddecidejna.... |
| KOR | Li ghall-festa ma nistednukx! Viva Erkole.... |

***JIDHLU 'l GEWWA FERHANIN.***

## *Xena 8/E*

ERKOLE Il-barri! Il-barri! Fejn hu dak l-imgharraq barri...??

***Kif ikun diehel 'l gewwa jigi wicc imb'wicc ma' Liz li tkun hierga.***

LIZ Prosit... Erk... nifrahlek li hennejt ghal dak il-povru barri ckejken.... Hekk irridek jien.

ERKOLE Tassew???

LIZ L-akbar eroj huwa dak li jghin bla ma jahqar. Li jhobb minghajr distinzjoni. Dak li ghalih in-natura kollha mill-icken sa l-akbar jisthoqqilha rispett u mhabba.

ERKOLE Allura... allura.. sirt thobbni ...???

LIZ Insomma... nahseb li nista' forsi nsir inhobbok.

ERKOLE *(Jghannaqha)* Ghaziza Liz ta' qalbi. Imxi... imxi.. niccelebraw u nieklu ikla kbira....

LIZ Hallik mill-ikel! L-imhabba hija l-akbar ikel.

ERKOLE Imma dawk t'hemm qed jaghmlu festa kbira....

LIZ Hallik mill-ikel. L-imhabba tieghi mhix bizzejjed ghalik?

ERKOLE Iva... dazgur...imma meta tkun bil-guh....

LIZ *(Iggebbdu minn idu 'l gewwa)* Imxi mieghi....

***ERKOLE JIDHOL IZDA JERGA JITFACCA FTIT U....***

ERKOLE Newluli *Burger....*

***LIZ TIGBDU 'L GEWWA.***

### *ZIFNA TAL-FINAL*

----------------------TMIEM----------------------